**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 17 ta' Novembru, 2021**

Numru 7

**Appell Nru. 21/2021**

**Spiridione Farrugia**
**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Spiridione Farrugia tat-28 ta' Gunju 2021 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-8 ta' Gunju 2021 li biha cahad applikazzjoni PA3569/18 'proposed extension to pre 1967 dwelling including cesspit' fis-Siggiewi;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell jikkoncerna talba sabiex isiru estensjonijiet ma' kamra ezistenti sabiex tigi ffurmata residenza, kif ukoll ssir kostruzzjoni ta' fossa. Is-sit in mertu jinsab f'zona rurali fi Sqaq Tal-Providenza, limiti tas-Siggiewi.

L-izvilupp propost gie rrifjutat minn l-Awtorita' tal-Ippjanar fuq il-bazi ta' tlett (3) ragunijiet ta' rifjut, ossia li:
1. Il-proposta tonqos milli tinkludi evidenza li l-uzu residenzjali tal-bini gie stabbilit qabel l-1992 u ghalhekk tmur kontra kriterju 3(a) f'Policy 6.3 tal-linja gwida rurali tal-2014. Tenut kont ta' dan, huwa konkluz li l-proposta ser tirrizulta f'residenza gdida barra miz-zona ta' zvilupp, bi ksur ta' Thematic Objective 1.10 u Rural Objective 3 tal-iSPED.
2. L-estensjonijiet proposti huma esagerati meta mqabbla mad-daqs tal-bini ezistenti, bi ksur ta' kriterju 5 f'Policy 6.3 tal- linja gwida rurali tal-2014;
3. L-izvilupp m'huwiex konformi mal-Avviz Legali 227 tal-2016 (ligi sanitarja) ghaliex ma giex sottomess rapport talinginier sabiex li jiccertifika li l-livell sotterran huwa ventilat u mdawla b'mod adegwat.

Illi permezz tal-appell odjern, l-appellant jirribatti fuq ir-rifjut tal-Awtorita' bis-segwenti tlett (3) aggravji, fejn jindika illi:
i. Li l-proposta ma tmurx kontra kriterju 3(a) f'Policy 6.3 ghaliex gew sottomessi diversi dokumenti li jindikaw li l-uzu residenzjali huwa wiehed legittimu. Sabiex jigi sostnut dan l-aggravju, l-appellant jaghmel referenza ghal zewg permessi mahruga mill-Awtorita;

ii. Li l-pjanti jindikaw li l-bini ezistenti ser jigi ntegrat mal-estensjonijiet proposti, liema estensjonijiet huma proposti li jinbnew b'gebel riciklat, kif ukoll li l-bini huwa rtirati u ser jigi mmitigat permess ta' thawwil ta' sigar; u
iii. Li l-ufficju tas-sanita` qatt ma ghamel talba sabiex jigi sottomess rapport tal-inginier, madankollu dan jista` jigi pprovdut;

Illi l-Awtorita' baqghet ferma fl-oggezzjoni taghha, fejn tosserva li l-appellant ma pprovda l-ebda informazzjoni addizzjonali firrigward tal-uzu residenzjali. Fir-rigward tal-permessi citati mill-appellant, l-Awtorita' targumenta li kull kaz ghandu jitqies skont ilmertu tieghu kif ukoll li l-permess PA 1774/13 gie approvat taht regim ta' policies differenti.

Illi fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant issottometta informazzjoni addizzjonali sabiex jissostanzja l-argumenti mqajjma fl-aggravji mmressqa, b'referenza partikolari ssir ghal ittra notarili gia sottomessa fil-kors tal-applikazzjoni odjerna. L-appellant jipprezenta wkoll argumenti kontra l-interpretazzjoni maghmula mill-Awtorita` fir-rigward tat-terminu 'tugurio', kif ukoll jindika li fil-perjodu imsemmi id-dritt tal-vot kien jeskludi nies foqra u ghalhekk nies bhal bdiewa ma kienux inkluzi fir-registru elettorali. Minhabba f'hekk jigi argumentat li l-aktar evidenza cara hija dik indikata fl-evalwazzjoni tal-Perit Vassallo meta din kienet inxtrat fl-1916, u li din tiddefinixxi l-kamra bhala wahda abitabbli.

Ikkunsidra;

L-Ewwel Aggravju

Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jargumenta li l-uzu residenzjali huwa stabbilit, bl-appellant jindika li dan jirrizulta min numru ta' dokumenti sottomessi fil-kors tal-applikazzjoni odjerna inkluz kopja ta' kuntratt tal-1916. Issir ukoll referenza ghal l-ittra notarili li taghmel referenza ghall-estratt mill-imsemmi kuntratt li abbazi tieghu jigi kunkluz li fl-imsemmija ghalqa kien hemm abitazzjoni 'skomda u mahmuga', f'liema ittra li jigi ddikjarat li din hija l-istess ghalqa li fuqha l-appellant applika ghal permess ghall-estensjoni tal-istess abitazzjoni.

Illi f'dan ir-rigward, it-Tribunal jirrferi ghall-evalwazzjoni min-naha tac-Chairperson Ezekuttiv, fejn josserva li l-Awtorita` kienet hadet konjizzjoni tad-diversi dokumentazzjoni li ghalihom l-appellant qed jaghmel referenza f'dan l-appell, u li l-Awtorita` kienet ikkonkludiet hekk kif gej:

"the architect submitted a copy of a utility bill for the period dated between December, 2017 and March, 2018 indicating the address of the property as 'F/HSE Tal-Qanpiena, Triq Lapsi, Siggiewi' (document 82I). A copy of a contract dated July, 1916 was also submitted at document 82A. The latter is supported by a notarial declaration at document 100A, stating that the applicant's grandfather (Gio Maria Farrugia) acquired the property from Marianna and Giovanna Zammit Gauci.

The declaration includes a translation of the architect's description of the site written in 1916 and makes reference to the Italian term 'tigurio' as an indication of a previous habitation. Despite the conclusions by notary in the statement at document 100A, the term 'tugurio' actually translates into 'hovel', which is an intentional derogatory description of the structure as small, squalid and in need of repair. Moreover, the notary's statement fails to translate the entire description provided in the architect's valuation report, which also includes 'costretto a vivere in un misero', translating to 'forced to live in a miserable state'. More importantly, the statement is not supported by any residential proof in the form of electoral registers and does not confirm that the structure was inhabited by a specific individual. Also, the submitted utility bill dates post-1992 and there is no link between the 'F/HSE Tal-Qanpiena' and the site in question."

Illi kif gie ndikat mill-appellant fil-mori ta' dan l-appell, ghalkemm l-Awtorita` tindika li m'hemm l-ebda konnessjoni bejn 'F/HSE Tal-Qanpiena' indikat fuq il-kont tad-dawl u l-ilma [Skont dok a fol 82I fl-inkartament tal-PA03569/18] u s-sit in mertu, fil-kors tal-applikazzjoni odjerna l-appellant stess kien indika li kien gie sottomess dokument bi zball [Skont dok a fol 85A fl-inkartament tal-PA03569/18].

It-Tribunal josserva li l-kuntratt tan-Nutar Salvatore Borg Olivier tal-1916 (li ghalih issir referenza fl-ittra notarili sottomessa filkors tal-applikazzjoni odjerna) ma jinkludi l-ebda pjanta tal-ghalqa soggetta ghat-trasferiment, u ghaldaqstant m'huwiex car kif innutar wasal ghal konkluzjoni li din hija l-istess ghalqa li fuqha l-appellant issottometta l-applikazzjoni odjerna. Barra min hekk, itTribunal josserva li ma gie sottomess l-ebda traskrizzjoni tal-kuntratt tal-1916 sabiex wiehed ikun jista` jiehu konjizzjoni taldeskrizzjoni ta' din l-ghalqa u jsir apprezzament ta' kif dan jirrelata mas-sit odjern.

Illi l-argumenti migjuba mill-appellant fil-mori ta' dan l-appell fir-rigward tal-uzu residenzjali principarjament jargumentaw li linterpretazzjoni maghmula mill-Awtorita` fir-rigward tat-terminu 'tugurio' hija wahda zbaljata, kif ukoll jigi ndikat li fil-perjodu imsemmi id-dritt tal-vot kien jeskludi nies foqra u ghalhekk nies bhal bdiewa ma kienux inkluzi fir-registru elettorali. Minhabba f'hekk jigi argumentat li l-aktar evidenza

cara hija dik indikata fl-evalwazzjoni tal-Perit Vassallo meta din kienet inxtrat fl-1916, u li din tiddefinixxi l-kamra bhala wahda abitabbli.
Illi madankollu, u wara li dan it-Tribunal analizza l-pjanti sottomessi fil-kors tal-applikazzjoni, gie osservat li l-bini ezistenti ta' qabel l-1978 huwa wiehed pjuttost ristrett, ghaliex dan jikkonsisti biss min kamra wahda b'daqs ta' 26.5 metri kwadru meta mkejjel min barra jew 18 metri kwadri meta mkejjel internament [Skont pjanta a fol 66E fl-inkartament tal-PA01134/19]. Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-informazzjoni migjuba mill-appellant firrigward tal-uzu residenzjali m'ghandiex tkun mehuda f'kuntest izolat, partikolarment minhabba l-fatt inkontestat li d-daqs tal-bini ezistenti huwa wiehed ferm ristrett. Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, id-daqs ta' din il-kamra huwa tipiku ta' kamra rurali u mhux ta'  residenza, filwaqt li l-informazzjoni migjuba mill-appellant tonqos milli tindika b'carezza li din il-kamra spicifika kienet fiz-zmien tintuza bhala residenza.
Barra min hekk, tenut kont li s-sit in kwistjoni huwa okkupat biss min kamra rurali ta' qabel l-1978 li ghandha daqs ferm ristrett, anke jekk b'xi mod remot din il-kamra kienet tintuza ghal skopijiet t'abitazzjoni fl-1916, ma ntbatet l-ebda prova addizzjonali li dan l-uzu tkompla matul iz-zmienijiet. It-Tribunal hawnhekk josserva li d-deskrizzjoni tal-proposta odjerna li taqra "Proposed extension to pre-1967 dwelling including cesspit." bl-indirizz tal-propjeta` jaqra "Ta Sant Andrija Farmhouse, Sqaq TalProvidenza, Siggiewi, Malta", u li dan kollu jaghti x'jifhem li s-sit huwa prezentament okkupat b'residenza li ilha ezistenti sa min qabel l-1967. Ghaldaqstant, l-evalwazzjoni li saret mill-Awtorita` kienet principarjament ibbazata fuq il-provvedimenti ta' Policy 6.3 tal-linja gwida rurali tal-2014 li tirregola "Extensions to Existing dwellings ODZ". Illi Kriterju 3 tal-policy surreferita jezigi li:

"(3) the applicant can sufficiently proof that:
a) the property in question has been used as a residence prior to 1992
b) the dwelling is covered by a development permission, or dates back to pre-1978;"
Illi r-ritratti sottomessi ma jindikaw li jezisti l-ebda uzu residenzjali f'din il-kamra, u lanqas li kien jezisti xi uzu residenzjali qabel l-1992. Barra min hekk, ghalkemm qed jigi wkoll indikat li kien fl-antik hemm meter tal-ilma, dan wahdu bla ebda mod ma jista jintuza bhala xi prova ta' uzu residenzali, aktar u aktar meta l-meter huma llum inezistenti kif kkonfermat fir-ritratti mibghuta millappellant. Hekk kif gie gia ndikat aktar qabek, tenut kont li ma ntbatet l-ebda prova addizzjonali li l-allegat uzu residenzjali tal1916 tkompla matul iz-zmienijiet, u li dan kien ghadu jezisti sa l-1978, zgur ma jistax jigi kkunsidrat li l-uzu residenzjali huwa wiehed 'legally established' skont kif definit fil-linja gwida rurali tal-2014.

Illi filwaqt li l-appellant jaghmel referenza ghal numru ta' permessi, it-Tribunal josserva li fil-kazijiet kollha citati ma gewx applikati l-provvedimenti f'Policy 6.3, u ghaldaqstant it-Tribunal m'huwiex tal-fehma li dawn ghandhom relevanza ghal kaz odjern. Barra min hekk, dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal insenjament maghmula fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-20 ta' Marzu tal-2019 fl-ismijiet: Joseph Borg et vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et. (appell numru 3/2019):
"Hu minnu, kif qal it-Tribunal li policy 6.2(c)(i) iqis li l-applikant irid igib il-prova ta' binja ezistenti qabel l-1978 pero meta dan il-paragrafu jitqies ukoll fl-isfond tal-element probatorju kumulattiv iehor skont paragrafu 6.2(c) (5a) trid tingieb il-prova li l-uzu tal-istess sit kien gia 'legally established'. It-tifsira ta' 'legally established' fl-istess linji gwida jispecifikaw b'mod car illi jinkludi kull intervent kopert b'permess ta' zvilupp jew li jidher fuq irritratti mill-ajru tal-1978. Kien ghalhekk korrett it-Tribunal (u

zbaljat l-appellant) illi l-prova tal-applikant kellha tkun ta’ binja li l-uzu taghha jidher mir-ritratti mill-ajru tal-1978.”

Illi tenut kont li l-maggior parti tal-kazijiet citati gew decizi qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-20 ta' Marzu tal-2019 (appell numru 3/2019), zgur li l-hrug ta’ dawn il-permessi m’ghandhomx ixxejnu l-insenjament moghti mill-istess Qorti fir-rigward tat-tifsira ta’ ‘legally established’, partikolarment meta l-izvilupp propost f’din iz-zona rurali huwa wiehed ta’ natura residenzjali. L-unika zewg applikazzjonijiet li gew approvati wara l-imsemmija decizjoni tal-Qorti huma PA 941/19 u PA 4573/16, u kif gie gia ndikat l-evalwazzjoni ta’ dawn ukoll ma’ sarietx abbazi tal-provedimenti f’Policy 6.3. It-Tribunal huwa tal-fehma li kif gie indikat mill-istess Qorti fl-appell, Adrian Busuttil vs PA (appell numru 285/19) “l-ebda Awtorita ma’ ghandha tabbuza mill-poter moghti lilha bil-ligi biex tiddiskrimina bejn applikant u iehor f’applikazzjonijiet li mhux biss ikun semplicement simili jew fl-istess zona izda din il-Qorti tqis li ghandhom ikunu identici bhala zvilupp u skop u bla ebda differenza bejniethom.” Illi f’dan il-kaz ma jirrizultawx lestremi li qed jallega l-appellant li hemm xi zvilupp identiku li gie permess, dan ghaliex il-policies applikati huma diversi. Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju qed jigi michud.

It-Tieni Aggravju

Illi permezz ta’ dan l-aggravju jigi ndikat li l-izvilupp propost jinkludi diversi elementi sabiex l-impatt ta’ dan ikun wiehed minimu, inkluz li l-bini ezistenti ser jigi ntegrat, l-estensjonijiet proposti b’gebel riciklat, kif ukoll li irtirar tal-bini u landscaping. It-Tribunal josserva li kif gie rrimarkat mill-appellant fil-mori ta’ dan l-appell, fil-kors tal-applikazzjoni odjerna l-Awtorita ghamlet talbiet sabiex l-iskala u d-disinn tal-proposta jigi rrevedut sabiex l-impatt tal-izvilupp jigi mmitigat [Skont dokumenti a fol 79A u 92A fl-inkartament tal-PA03569/18]. Illi madankollu, jibqa` l-fattur ewlieni li sabiex wiehed jista` jikkunsidra estensjonijiet tal-kamra ezistenti, l-uzu residenzjali jrid ikun wiehed stabbilit. Illi kif gie gia diskuss u deciz fl-ewwel aggravju, l-applikazzjoni odjerna m’hijiex konformi ma’ kriterju 3 f’Policy 6.3, u ghaldaqstant kwalunkwe estensjoni proposta ma tistax titqies bhala wahda ggustifikata. Barra min hekk, wiehed ma jistax jinjora l-fatt li d-daqs tal-kamra ezistenti jammonta biss ghal 27 metru kwadru, filwaqt li bl-estensjonijiet proposti il-bini ser jigi estiz ghal 210 metru kwadru [Skont pjanta a fol 104C fl-inkartament tal-PA03569/18], ossia binja ta’ madwar tmien (8) darbiet akbar mill-kamra ezistenti. Illi dan it-Tribunal, wara li ezamina l-pjanti ezebiti fil-process talapplikazzjoni odjerna, huwa tal-fehma illi l-izvilupp kif propost, ossia l-estensjoni gdida meta mqabbla mal-bini originali huwa wiehed massicc, bil-konsegwenza inevitabbli ta’ dan ser jiddomina fuq il-kamra ezistenti u jkollu impatt negattiv fuq il-pajsagg rurali.

Fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, l-apprezzament li l-Awtorita` ghamlet fir-rigward tal-estensjonijiet proposti meta kkomparat maliskala zghira tal-kamra ezistenti huwa wiehed korrett, u ghaldaqstant it-Tribunal jaqbel mall-konkluzjoni tal-Awtorita` li l-propsta tmur kontra kriterju 5 f’Policy 6.3. Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad it-tieni aggravju.

It-Tielet Aggravju

Illi f’dan l-aggravju jigi ndikat li l-ufficju tas-sanita qatt ma ghamel talba sabiex jigi sottomess rapport tal-inginier, filwaqt li jigi rrimarkat ukoll li dan dejjem jista` jigi pprovdut sabiex thassib fir-rigward tal-ligi sanitarja jigi ndirizzat. It-Tribunal josserva li

kif kien gie ndikat mill-Awtorita` permezz tal-case officer report, fil-kors tal-applikazzjoni odjerna l-ufficju tas-sanita` ghamel zewg talbiet sabiex jigi sottomess rapport tal-inginier [Skont minuti 93 u 109 fl-inkartament tal-PA03569/18], filwaqt li l-Perit rapprezentant tal-appellant kien gie nnotifikat b'dawn it-talbiet [Skont dok a fol 97A fl-inkartament tal-PA03569/18]. Illi tenut kont tal-fatt li l-principju tal-izvilupp m'huwiex qed jigi milqugh kif deciz fl-ewwel u t-tieni aggravji, ikun inutli li jigi sottomess tali rapport tal-inginier sabiex tali thassib jigi indirizzat f'dan l-istadju, u ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell u jikkonferma d-decizjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni PA03569/18.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal applika skorrettament l-policy 6.3, kriterju 3 tar-Rural Policy and Deisgn Gudiance 2014 billi intorduca kwalifiki godda. It-Tribunal ha in konsiderazzjoni d-daqs ristrett tal-binja avolja kienet wahda ta' qabel l-1967 u l-fatt li tikkostitwixxi 'hovel' cioe abitazzjoni mizera u mahmuga. Dawn il-konsiderazzjonijiet ma jifformawx parti mit-tielet kriterju li jrid biss li l-binja kienet tintuza bhala residenza qabel l-1978;

2. It-Tribunal applika hazin il-grad tal-prova rikjesta ghal kriterju ta' policy 6.3(3) tal-istess RPDG 2014, billi ma qies l-oggezzjoni ghad-determinazzjoni maghmula mill-Planning Commission li ma kienx hemm 'conclusive evidence' li jipprova uzu residenzjali qabel l-1978. Il-policy titlob 'sufficient evidence';

3. It-Tribunal ghamel evalwazzjoni skorretta ta' dak li jridu r-raba' u l-hames kriterji tal-policy 6.3 tar-RPDG 2014. Il-binja proposta kif emendata mill-applikant fuq rakkomandazzjni tal-case officer kienet in linea mar-raba' kriterju cioe ta' kobor f'terminu ta' footprint massimu ta' 200 m.k. It-Tribunal invece qies li dan il-kobor kien tmien darbiet akbar mill-binja ezistenti u ghalhekk mhux konformi mal-hames kriterju ta' 'scale and massing'. It-Tribunal ma qies sew iz-zewg kriterji b'mod kumulattiv u ezercita diskrezzjoni arbitrarja.

**L-ewwel aggravju**

L-appellant mhux korrett li t-Tribunal ikkonsidra kwalifiki godda meta qies jekk l-applikant issodisfax il-kriterju tlieta tal-policy 6.3. it-Tribunal qies li l-kuntratt rilevanti tal-1916 mhux car ghal liema proprjeta qed jirreferi u illi l-applikant ghalhekk naqas billi b'mod car juri li din il-kamra specifika kienet tintuza bhala residenza. Hu minnu li

t-Tribunal qies li d-daqs ferm zghir tal-kamra jaghmilha aktar tipika ta' kamra rurali milli residenza pero c-cahda kienet dwar l-interpretazzjoni tal-kontenut tal-kuntratt tal-1916 u kemm dan il-kuntratt individwa din il-kamra bhala dik soggetta ghal applikazzjoni odjerna. Dawn huma kwistjonijiet ta' fatt naxxenti mill-kriterju li qed jigi kunsidrat. It-Tribunal zied ukoll illi ma ngiebet ebda prova ta' uzu residenzjali tul iz-zmien mill-1916 bhala prova ta' uzu ta' residenza hlief li gie indikat li fl-antik kien hemm meter tal-ilma. Dawn kienu l-konsiderazzjonijiet rilevanti li ghamel it-Tribunal u r-riferenza ghall-uzu tal-kelma 'hovel' saret b'referenza ghal dak sottomess mill-Awtorita mhux mit-Tribunal.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

Hawn ukoll l-appellant ma ghandux ragun. L-aggravju fil-fatt jirreferi ghal dak sottomess mill-Awtorita. It-Tribunal fl-ebda hin ma qal li l-appellant kellu jgib 'conclusive evidence' tal-prova ta' residenza. It-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tieghu sahaq fuq il-prova ta' residenza liema prova kellha titressaq mill-appellant *sic et simpliciter.* Ghalhekk l-aggravju ma fih ebda mertu u t-Tribunal ma inkorra ebda zball ta' ligi meta ma ikkoregix lil Awtorita fil-kwalita ta' prova li kellha tingieb. L-importanti hu li t-Tribunal  ma inkorriex fl-istess zball.

**It-tielet aggravju**

Hawn ukoll l-appellant qed jislet mid-decizjoni tat-Tribunal bla ma jqis il-konsiderazzjonijiet tal-istess Tribunal fis-shih. It-Tribunal qies li l-izvilupp avolja kien fil-parametri tal-kobor stabbilit mill-policy kien jippekka mill-kriterju numru hamsa tal-policy 6.3 ghax kien wiehed massic. It-Tribunal ha kont tal-fatt li ghalkemm il-binja proposta kienet fil-limitu ta' dak li tippermetti l-policy (raba' kriterju), l-estensjoni komparat ma' dak ezistenti kien ser jiddomina fuq dak ezistenti u jkollu impatt negattiv fuq il-pajsagg rurali. It-Tribunal qies li l-izvilupp ma jikkwalifikax minhabba l-hames kriterju biss.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Spiridione Farrugia u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-8 ta' Gunju 2021, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur